



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

5.3.2012

B7-0000/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

għeluq tad-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni
skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-indirizzar tal-epidemija tad-dijabete fl-UE

Simon Busuttil u Radvilė MORKŪNAITĒ-MIKULĒNIENĒ
f' isem il-grupp PPE

RE\895033MT.doc

PE483.199v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Indirizzar tal-Istrateġija tal-UE għad-Dijabete

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-Trattat ta' Lisbona,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Saint Vincent dwar il-Kura u r-Riċerka tad-Dijabete fl-Ewropa, adottata waqt l-ewwel laqgħa tal-Programm ta' Azzjoni dwar id-Dijabete tad-Dikjarazzjoni ta' Saint Vincent, li saret f'Saint Vincent bejn l-10 u t-12 ta' Ottubru 1989¹,
- wara li kkunsidra l-ħolqien mill-Kummissjoni ta' Pjattaforma tal-UE dwar id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa fil-15 ta' Marzu 2005²,
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar "Il-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u tal-attività fiżika: Dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-ħxuna, l-obeżità u l-mard kroniku", li tindirizza d-determinanti li fuqhom huwa bbażat il-bidu tad-dijabete tat-Tip 2³,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Konferenza tal-Presidenza Awstrijaka "Il-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2", li saret fil-15 u s-16 ta' Frar 2006 fi Vjenna⁴,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2006 dwar id-dijabete⁵,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar "Il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja li huma tajbin għas-saħħa u l-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2"⁶,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tal-11 ta' Settembru 2006 dwar "il-Prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li ma jitteħidx fir-reġjun Ewropew tal-WHO"⁷,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Jannar 2007 dwar il-"Jum Dinji tad-Dijabete"⁸,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)⁹, u d-deċiżjoni sussegwenti tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2011 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet ta' dan il-programm¹⁰,
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar "Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013"¹¹,

- wara li kkunsidra s-Seba' Programm Kwadru għall-attività ta' riċerka (2007-2013)¹² u l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020¹³,
 - **wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2009 dwar "Is-solidarjetà fis-saħħa: it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE"**¹⁴,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Jannar 2007 dwar "Il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li ma jitteħidx"¹⁵,
 - wara li kkunsidra r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tal-proġett FP7-HEALTH-200701 "DIAMAP – Pjan Direzzjonali għar-Riċerka dwar id-Dijabete fl-Ewropa"¹⁶,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 dwar "Inizjattiva emblemika Europa 2020 – Unjoni innovattiva", u s-sħubija pilota tagħha dwar it-tixjiħ attiv u san¹⁷,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar "Approċċi innovattivi għall-mard kroniku fis-sistemi tas-saħħa pubblika u ta' kura tas-saħħa"¹⁸,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni dwar il-Modalitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti tat-13 ta' Diċembru 2010¹⁹,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Moska adottata matul l-Ewwel Konferenza Ministerjali Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istili tal-Ħajja Sani u l-Kontroll tal-Mard li ma Jitteħidx, li saret f'Moska fit-28 u d-29 ta' April 2011²⁰,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-impenn tagħha għal-laqgħa ta' livell għoli tan-NU dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li ma jitteħidx li tiffoka fuq id-dijabete bħala wieħed mill-erba' mardiet ewlenin li ma jittehdux²¹,
 - wara li kkunsidra s-Samit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Mard li ma Jitteħidx li sar f'Settembru 2011,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-dijabete hija waħda mill-iktar mard komuni li ma jitteħidx, stmata li taffettwa iktar minn 32 miljun ċittadin tal-UE, ammont li jirrappreżenta kważi 10% tal-popolazzjoni kollha tal-UE, bi 32 miljun ċittadin ieħor li jsofru minn tolleranza mnaqqsa għall-glukożju u bi probabilità kbira ħafna li din twassal għal dijabete li tkun tidher b'mod kliniku²²;
- B. billi d-dijabete tat-Tip 2 tnaqqas l-istennija tal-ħajja b'bejn 5 u 10 snin²³ u d-dijabete tat-Tip 1 tnaqqas l-istennija tal-ħajja b'madwar 20 sena²⁴, filwaqt li 325,000 mewt fis-sena huma attribwiti lid-dijabete fl-UE²⁵, jiġi fieri ċittadin tal-UE kull żewġ minuti;

- C. billi t-tnaqqis tal-fatturi ta' riskju identifikati, l-iktar id-drawwiet tal-istil tal-ħajja, huwa dejjem aktar rikonoxxut bħala strateġija ewlenija ta' prevenzjoni li tista' tnaqqas l-inċidenza, il-prevalenza u l-kumplikazzjonijiet kemm għad-dijabete tat-Tip 1 kif ukoll għal dik tat-Tip 2;
- D. billi għadha meħtieġa riċerka biex jiġu identifikati b'mod ċar il-fatturi ta' riskju għad-dijabete tat-Tip 1, filwaqt li qed issir riċerka dwar il-predispożizzjoni ġenetika u d-dijabete tat-Tip 1 tinqabad f'età dejjem iktar żgħira;
- E. billi d-dijabete tat-Tip 2 hija marda li tista' tiġi evitata u li l-fatturi ta' riskju għaliha – bħal dieta fqira u mhux ibbilanċjata, l-obeżità, in-nuqqas ta' attività fiżika u l-konsum tal-alkoħol – ġew identifikati b'mod ċar u jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' strateġiji effikaċi ta' prevenzjoni;
- F. billi għalissa għad m'hemm ebda kura għad-dijabete,
- G. billi l-kumplikazzjonijiet tad-dijabete tat-Tip 2 jistgħu jiġu evitati permezz ta' dijanjosi bikrija u l-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, iżda ta' spiss qed issir dijanjosi tiegħu tard wisq peress li sa 50 % tal-persuni kollha bid-dijabete bħalissa mhumiex konxji tal-kundizzjoni tagħhom;
- H. billi sa 75% tal-persuni kollha li għandhom id-dijabete mhumiex f'kontroll tajjeb tal-kundizzjoni tagħhom, ħaġa li twassal għal riskju akbar ta' komplikazzjonijiet, telf ta' produttività u kostijiet għas-soċjetà²⁶;
- I. billi n-numru ta' persuni li qed jgħixu bid-dijabete fl-Ewropa huwa mistenni jiżdied b'16.6% sal-2030, konsegwenza tal-epidemija tal-obeżità, it-tixjiħ tal-popolazzjoni Ewropea u fatturi oħrajn li għad iridu jiġu ddeterminati,
- J. billi f'ħafna Stati Membri d-dijabete hija responsabbli għal iktar minn 10% tal-infiq għall-kura tas-saħħa, ċifra li xi kultant titla' sa 18.5%, u l-ispiża ġenerali għall-kura tas-saħħa għal ċittadin tal-UE bid-dijabete hija bħala medja EUR2100 fis-sena²⁷, u billi dawn l-ispejjeż inevitabbilment se jiżdiedu meta jitqies in-numru ta' nies bid-dijabete, it-tixjiħ tal-popolazzjoni u ż-żieda assoċjata fil-komorbożitajiet multipli;
- K. billi d-dijabete hija kawża prinċipali ta' attakki tal-qalb, attakki ta' puplesija, agħma, amputazzjoni u problemi bil-kliewi, jekk dik ma tiġix trattata kif suppost jew djanjostikata tard wisq,
- L. billi l-promozzjoni ta' stili tal-ħajja sani u l-indirizzar tal-erba' fatturi prinċipali li huma ta' detriment għas-saħħa – it-tabakk, dieta ħażina, in-nuqqas ta' attività fiżika u l-alkoħol – fl-oqsma politiki kollha jistgħu jagħtu kontribut kbir għall-prevenzjoni tad-dijabete, il-kumplikazzjonijiet tagħha u l-kostijiet ekonomiċi u soċjali tagħha,
- M. billi l-persuni li qed jgħixu bid-dijabete għandhom jipprovdu 95% tal-kura tagħhom stess²⁸, u billi l-piż tad-dijabete fuq l-individwi u l-familji tagħhom mhumiex biss finanzjarju, iżda jinvolvi wkoll kwistjonijiet psikosoċjali u kwalità ta' ħajja iktar fqira;
- N. billi 16 biss minn 27 Stat Membru għandhom qafas jew programm nazzjonali fis-seħħ

biex tiġi indirizzata d-dijabete, u ma teżisti l-ebda stampa ċara ta' x'inhu programm tajjeb jew liema huma l-pajjiżi bl-aħjar Prattika²⁹, u billi hemm differenzi u inugwaljanzi konsiderevoli fil-kwalità tat-trattament tad-dijabete fl-UE;

- O. billi ma jeżisti l-ebda qafas legali tal-UE għad-diskriminazzjoni kontra l-persuni li jbatu mid-dijabete jew minn mard kroniku ieħor, u l-preġudizzju kontra dawk li jbatu minn dan il-mard għad għandu rwol kbir fl-iskejjel, fir-reklutaġġ, fil-postijiet tax-xogħol, fil-poloż tal-assikurazzjoni u fil-valutazzjoni għal liċenzji tas-sewqan fl-UE kollha;
 - P. billi hemm nuqqas ta' finanzjament u infrastruttura biex tiġi kkoordinata r-riċerka dwar id-dijabete fl-UE, ħaġa li qed ikollha impatt negattiv fuq il-kompetittività tar-riċerka tal-UE dwar id-dijabete u li qed tipprevjeni lill-persuni li għandhom id-dijabete milli jibbenefikaw għalkollox mir-riċerka fl-Ewropa,
 - Q. billi bħalissa m'hemm l-ebda strateġija Ewropea biex tiġi indirizzata d-dijabete minkejja l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Prezidenza Awstrijaka dwar "Il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja li huma tajbin għas-saħħa u l-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2"³⁰, lista estensiva ta' Riżoluzzjonijiet tan-NU u d-Dikjarazzjoni bil-Miktub tal-Parlament Ewropew dwar id-dijabete;
1. Jilqa' l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Approċċi innovattivi għall-mard kroniku fis-sistemi tas-saħħa pubblika u ta' kura tas-saħħa"³¹ u t-talba tiegħu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jibdew proċess ta' riflessjoni mmirat lejn l-ottimizzazzjoni tar-reazzjoni għall-isfidi tal-mard kroniku;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta Strateġija tal-UE għad-Dijabete fil-forma ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-UE dwar il-prevenzjoni, id-djanjosi, il-ġestjoni, l-edukazzjoni u riċerka tad-dijabete,
 3. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw, jimplementaw u jimmoniterjaw Programmi Nazzjonali dwar id-Dijabete mmirati lejn il-promozzjoni tas-saħħa, it-tnaqqis, it-tbassir u l-prevenzjoni tal-fatturi ta' riskju, id-djanjosi bikrija u t-trattament tad-dijabete, intenzjonati għall-popolazzjoni kollha kif ukoll b'mod partikulari għal gruppi li jinsabu f'riskju għoli u bl-għan li jnaqqsu l-inugwaljanzi u jottimizzaw ir-riżorsi tal-kura tas-saħħa filwaqt li jadottaw approċċ personalizzat meta meħtieġ;
 4. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu programmi tal-kontroll tas-saħħa fil-Programmi Nazzjonali tagħhom dwar id-Dijabete, li jippromwovu l-prevenzjoni u d-djanjosi bikrija bħala oqsma ewlenin ta' azzjoni;
 5. Jirrakkomanda li l-istrateġiji ta' prevenzjoni fir-rigward tad-dijabete jiġu implimentati minn età bikrija; jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied il-provviżjoni ta' edukazzjoni dwar drawwiet ta' dieta b'saħħitha u ta' attività fiżika fl-iskejjel;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni timmoniterja l-progress b'mod kontinwu fl-UE kollha fir-rigward tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Programmi Nazzjonali tagħhom dwar id-Dijabete, inklużi l-prevenzjoni u d-djanjosi bikrija, u tippreżenta r-riżultati kull sentejn fil-forma ta' rapport tal-Kummissjoni;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri billi tagħti ħarsa ġenerali regolari tal-aħjar prattiki fir-rigward ta' x'ikunu Programmi Nazzjonali tajbin dwar id-Dijabete;
8. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji ta' intervent rigward l-istili ta' ħajja inklużi approċċi għad-dieta u l-eżerċizzju biex jipprevjenu d-dijabete tat-Tip 2 u l-obeżità; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li l-politiki relatati mal-ikel jiġu allinjati mal-objettiv li tiġi promossa dieta tajba għas-saħħa u li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u tajbin għas-saħħa;
9. Jistieden lill-Istati Membri jorbtu d-dijanjsi bikrija ma' kampanji ta' prevenzjoni bbażati fuq l-edukazzjoni mmirati għall-iskejjel primarji u sekondarji, il-ħaddiema u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa;
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' ġestjoni tal-mard ibbażati fuq l-aħjar prattiki u linji gwida għal trattament ibbażat fuq l-evidenza, li għandhom jissarrfu fid-dettalji tal-prijoritajiet personali li jkun hemm qbil reċiproku dwarhom għal kull individwu li jkun qed jgħix bid-dijabete;
11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-aċċess kontinwu għall-pazjenti tal-kura primarja u sekondarja għal timijiet interdixxiplinari, trattamenti tad-dijabete u teknoloġiji ta' kwalità għolja, inklużi teknoloġiji tas-saħħa elettronika, u biex jappoġġaw lill-pazjenti fil-ksib u ż-żamma tal-ħiliet u l-fehim meħtieġa biex ikollhom awtoġestjoni kompetenti tul il-ħajja kollha;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, biex jikkoordinaw, jiġbru, jirreġistraw, jimmoniterjaw u jiġġestixxu b'mod regolari d-data epidemjoloġika komprensiva dwar id-dijabete bbażata fuq kriterji komuni ta' kejl u data ekonomika dwar il-kostijiet diretti u indiretti tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-dijabete;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbju l-koordinazzjoni tar-riċerka Ewropea dwar id-dijabete billi jħeġġu l-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet akkademiċi u l-industriji Ewropej kif ukoll l-aġenziji tal-iffinanzjar pubbliċi u privati, u joħolqu infrastrutturi ġenerali komuni li jiffaċilitaw l-isforzi tar-riċerka Ewropea dwar id-dijabete, anke fl-oqsma tal-identifikazzjoni u tal-prevenzjoni tal-fatturi ta' riskju;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-appoġġ kontinwu għall-finanzjament tad-dijabete taħt il-Programmi Qafas għar-Riċerka tal-UE kurrenti u futuri, filwaqt li jqis li d-dijabete tat-Tip 1 hija marda differenti minn dik tat-Tip 2;
15. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiżguraw is-segwitu xieraq u adegwat għar-riżultati tas-Samit tan-NU dwar il-Mard li ma Jitteħidx f'Settembru 2011
16. Ifakkar fl-importanza li l-UE u l-Istati Membri jintegraw aktar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' fatturi ta' riskju fl-oqsma leġiżlattivi u ta' politika rilevanti kollha u b'mod partikolari fil-politiki tal-ambjent, tal-ikel u tal-konsumatur tagħhom, sabiex jiġu implimentati l-objettivi marbutin mal-mard li ma jitteħidx u biex jiġu indirizzati l-

isfidi għas-saħħa pubblika, soċjali u ekonomiċi;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u l-parlamenti tal-Istati Membri.

¹ <http://www.idf.org/webdata/docs/idf-europe/SVD%201989.pdf>

² http://ec.europa.eu/health/nutrition_physical_activity/platform/index_en.htm

³

http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/nutrition/documents/nutrition_gp_en.pdf

⁴ http://www.msps.es/organizacion/sns/planCalidadSNS/pdf/excelencia/cuidadospaliativos-diabetes/DIABETES/opsc_est9.pdf.pdf

⁵ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P6-TA-2006-0185+0+DOC+XML+V0//EN&language=EN>

⁶ [http://eur-](http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2006:147:0001:0004:EN:PDF)

[lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2006:147:0001:0004:EN:PDF;](http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2006:147:0001:0004:EN:PDF)

http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/lisa/89847.pdf

⁷ http://www.euro.who.int/_data/assets/pdf_file/0004/77575/RC56_eres02.pdf

⁸ http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/64/265&referer=http://www.un.org/en/ga/president/65/issues/ncdiseases.shtml&Lang=E

⁹ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2007:301:0003:0013:EN:PDF>

¹⁰ http://ec.europa.eu/eahc/documents/health/calls/2011/WP2011_en.pdf

¹¹ http://ec.europa.eu/health/ph_overview/Documents/strategy_wp_en.pdf

¹² Deċiżjoni Nru.1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1),

<http://cordis.europa.eu/documents/documentlibrary/90798681EN6.pdf>

¹³ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0808:FIN:en:PDF>

¹⁴ http://ec.europa.eu/health/ph_determinants/socio_economics/documents/com2009_en.pdf

¹⁵ http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/64/265&referer=http://www.un.org/en/ga/president/65/issues/ncdiseases.shtml&Lang=E

¹⁶ <http://www.diamap.eu/report/DIAMAP-Road-Map-Report-Sept2010.pdf>

¹⁷ http://www.leru.org/files/general/innovation-union-communication_en.pdf

¹⁸ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/lisa/118282.pdf

¹⁹ http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/65/L.50&Lang=E

²⁰

http://www.who.int/nmh/events/moscow_ncds_2011/conference_documents/moscow_declaration_en.pdf

²¹ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&language=EN&reference=P7-TA-2011-0390>

²² International Diabetes Federation (il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete), IDF Diabetes Atlas, ir-4 edizzjoni, 2009. <http://www.diabetesatlas.org/downloads>

²³ http://www.euro.who.int/_data/assets/pdf_file/0003/98391/E93348.pdf

²⁴ http://www.diabetes.org.uk/Documents/Reports/Diabetes_in_the_UK_2010.pdf

²⁵ International Diabetes Federation (il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete), IDF Diabetes Atlas, it-3 edizzjoni, Brussell, 2006,

<http://www.diabetesatlas.org/sites/default/files/IDF%20Diabetes%20Atlas->

[2007%20\(3rd%20edition\).pdf](#)

²⁶ Diabetes – The Policy Puzzle: towards benchmarking in the EU 25 (2005) il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete, 2006, <http://www.idf.org/webdata/docs/idf-europe/DiabetesReport2005.pdf>

²⁷ *Diabetes – The Policy Puzzle: towards benchmarking in the EU 27 (2007)*

<http://www.idf.org/webdata/docs/EU-diabetes-policy-audit-2008.pdf>

²⁸ <http://www.worlddiabetesday.org/media/press-materials/press-releases/idf-launches-world-diabetes-day-2010-campaign>

²⁹ Diabetes – The Policy Puzzle: towards benchmarking in the EU 27 (2007)

<http://www.idf.org/webdata/docs/EU-diabetes-policy-audit-2008.pdf>

³⁰ [http://eur-](http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2006:147:0001:0004:EN:PDF)

[lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2006:147:0001:0004:EN:PDF;](http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/lisa/89847.pdf)

http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/lisa/89847.pdf

³¹ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/lisa/118282.pdf